MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2014

Numru. 1285/2012

**Artikoli 17, 18, 23, 31, 293, 294, 310 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**vs**

**CARMELO MANGION**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **CARMELO MANGION** ta' 53 sena, bin Joseph u l-mejta Mary nee' Zahra, imwieled Birkirkara fit-28 ta' Jannar 1960, residenti f'Palazzo Virtu', Triq Tal-Virtu', Rabat (Malta) u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 110160M gie akkuzat talli f'Ottubru 2012 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' George Farrugia, Frances Farrugia, Heathcliff Farrugia, Dorianne Farrugia u Alison Farrugia, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; liema delitt gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni,

industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhaba depozitu necessarju.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat u fedina penali tal-imputat.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-20 ta' Marzu, 2013 (fol. 47) sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi fit-3 ta' April, 2013 gew moqrija l-artikoli, il-prosekuzzjoni stqarret li ma kellhiex provi ohra xi tressaq u l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat minn din il-Qorti fil-vesti taghha fuq riferita.

**L-Ispettur Ian Joseph Abdilla** xehed fis-Seduta tas-27 ta' Frar, fejn iddikjara li fit-tlieta (3) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) il-pulizija kienet irceviet rapport minghand Dr. Tonio Cachia ghan-nom tal-kumpanija DF Advocates ukoll ghan-nom tal-klijenti tieghu certu George Farrugia u Frances Farrugia li joqghodu Hal Qormi u ta' Heathcliff Farrugia u Dorianne Farrugia li joqghodu z-Zejtun fejn dawn irrapurtaw kaz ta' frodi kontra taghhom liema kaz apparentement kien sar minn certu Kenneth Mangion li joqghod Triq tal-Virtu, ir-Rabat. Dan il-complaint prattikament kien jghid li dawn il-persuni jigifieri George Farrugia u Frances Farrugia, Heathcliff Farrugia u Dorianne Farrugia kienu xtraw zewg propjetajiet maisonette u appartament f'blokka wahda li kienet tinstab fi Triq il-Qadi, iz-Zejtun minghand certu Kenneth Mangion. Sussegwentement kienu anke saru zewg konvenji fuq l-istess quddiem in-Nutar Charles Mangion fis-sittax (16) ta' Settembru u fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru rispettivament u li fuq dawn iz-zewg proprjetajiet kienu ghaddewlu bejn flus, tpartit u weghdiet li jaghmlulu xi xoghol is-somma ta' sebghin elf (70,000) Euro direttament ghand min kienu xtraw u ghaxart elef (10,000) Euro li kienu ghadhom ghand in-Nutar.

Il-pulizija kienu gew infurmati li missier Kenneth Mangion u cioe' Carmelo Mangion l-imputat kien deher fuq iz-zewg konvenji ghan-nom tat-tifel tieghu. Sussegwentement il-pulizija kienu gew infurmati li prattikament ix-xoghol baqa' ma sarx fuq din il-blokka u l-complainants kienu baqghu la hadu l-post u tentattivi biex jiehdu flushom lura kienu fallew.

Sussegwentement wara li l-Ispettur ircieva dan ir-rapport, huwa kien tkellem ma’ George Farrugia, Heathcliff Farrugia u Allison Farrugia li tigi t-tifla ta’ George Farrugia u talabhom jispjegawlu x’kien qieghed jigri. Huwa gie nfurmat li Heathcliff Farrugia li jigi t-tifel ta’ George Farrugia kien iddecieda li jixtri propjeta’ minghand l-imputat u sussegwentement kienu wkoll thajru li jixtru post ghal Allison Farrugia li tigi ohtu fl-istess blokka. Huma kienu qalu li kienu saru diversi tentattivi u meta raw li kien hemm xi problemi finanzjarji ppruvaw jiehdu flushom lura izda t-trattattivi biex jiehu flushom lura ma rnexxielhomx.

Wara li kien ha r-rapport u kien tkellem mal-complainants, dawn kienu wkoll ghaddew lill-Ispettur diversi dokumenti u fil-hamsa (5) ta’ Ottubru tas-sena 2012 huwa kien baghat ghas-sur Carmelo Mangion u s-sur Kenneth Mangion li jigi t-tifel tieghu biex ikellimhom dwar dan il-kaz. Fuq dan il-kaz kien Carmelo Mangion biss li ddecieda li jitkellem mal-avukat tieghu qabel l-interrogazzjoni u ghal dan il-ghan kien tkellem telefonikament ma’ Dr. Daniel Buttigieg. Meta l-Ispettur kellem lil Kenneth Mangion, li jigi t-tifel ta’ l-imputat kien qalilhom li l-propjeta’ taz-Zejtun ta’ Triq il-Qadi kienet tieghu, u dan wara li kien hajru missieru li huwa negozjant tal-propjeta’ biex jipprova jibda negozju, kien xtara fuq ismu permezz ta’ loan imma sussegwentement wara nsistenza ta’ missieru stess, ma baqax iktar interessat fin-negozju, u permezz ta’ prokura halla f’idejn missieru biex johodlu hsieb l-affarijiet.

Ghalhekk kien propju missieru li kien deher kemm ghall-konvenju u kemm biex ha l-flus. Missieru kien qieghed jaghmel ukoll in-negozju kollu tal-propjeta fuq il-*construction* u jaghmel l-arrangament li kien hemm bzonn ghall-*construction*. Prattikament Kenneth Mangion la qatt ra, la qatt deher fuq il-kuntratt u lanqas kellu b'xi mod jaghmel xoghol fuq din l-istess blokka.

Minn naha l-ohra meta l-Ispettur kellem lil Carmelo Mangion li huwa l-imputat li huwa qed jaghraf prezenti fl-Awla, dan kien ikkonfermalu li kien hajjar lill-ibnu jixtri l-proprjeta' u kien ha *loan* mill-bank. Biss sussegwentement kien ikkonferma li t-tifel tieghu ma tantx kellu hajra li jkompli dan in-negozju u ghalhekk anka minhabba l-fatt li f'dak il-perjodu l-proprjeta' kienet sejra ftit hazin hu ddecieda li jkompli jizviluppaha hu. L-imputat ikkonfermalu li deher hu ghall-kuntratti, u kkonfermalu li kien hu li ha l-flus minghand il-complainants. Fuq il-flus hemm qbil totali dwar is-somma li huwa nghata, jigifieri sebghin elf ewro (€70,000) fi flus, f'xoghol jew tpartit u li kien hemm ghaxart elef (€10,000) ghand in-Nutar Charles Mangion permezz ta' draft li kienu ghadhom ma ngabrux.

Qal lill-Ispettur li kellu diffikultajiet finanzjarji, li parti mill-flus li tawh il-complainants kien uzahom biex ihallas il-*loans* u ma kienx f'pozizzjoni finanzjarjament li jkompli bix-xoghol ta' din il-blokka gewwa z-Zejtun. Hu qal lill-Ispettur li ghandu hafna propjetajiet vojta

u xtaq hafna li jirranga u jissetilja dak kollu li kellu imma ma kienx f'pozizzjoni finanzjarja tajba li jhallas.

L-Ispettur spjega li l-ammont kollu miftiehem ghal dawn il-propjetajiet fil-konvenju bhala depozitu s-Sur Mangion inghata sebghin elf (€70,000) Euro, li dawn is-sebghin elf (€70,000) euro inqasmu bhala *cash* erbgha u erbghin elf ewro (€44,000) u mbaghad Heathcliff Farrugia kien ftiehem li jaghtih b'sittax il-elf ewro (€16,000) xoghol ta' l-injam li skont is-Sur Mangion inghata tliet kwarti minnhom. Wara l-Ispettur rega' tkellem ma' Heathcliff Farrugia u qallu li le kull ma hadmu bhala xoghol tal-injam kien fis-somma ta' elfejn, tmien mija u sittin (2,860). Kien hemm ukoll karozza tat-tip Jaguar bin-numru tar-registrazzjoni JAG 278 li din giet stmata mill-partijiet ghal ghoxrin elf ewro (€20,000) liema karozza kienet inghatat direttament lil xi Sirjan li kellu jiehu l-flus minghand is-Sur Mangion.

L-Ispettur ipprezenta kopja tal-iskrittura datata sittax (16) ta' Settembru, elfejn u ghaxra (2010) bejn Carmelo Mangion li kien qed jidher ghal Kenneth Mangion u George Farrugia u Frances Farrugia. Dan il-konvenju kien sar quddiem in-Nutar Charles Mangion u dan gie mmarkat bhala Dok NA3. Qed jigi pprezentat ukoll kopja tal-konvenju li huwa datat tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru, elfejn u ghaxra (2010) bejn Carmelo Mangion li kien qed jidher ghan-nom ta' Kenneth Mangion u George Farrugia, Frances Farrugia, Heathcliff Farrugia u Dorianne Farrugia, u dan gie mmarkat bhala Dok NA4.

Huwa pprezenta wkoll bhala Dok NA5 tliet dokumenti li huma kopji ta' tliet ircevuti li hargu ghax-xoghol li kien ghamel Heathcliff Farrugia tal-injam, anzi skuza ruhu ghas-somma li semma' qabel ghax ghadd hazin, is-somma minn dawk is-sittax il-elf (16,000) Euro li kien gie miftiehem minnhom dawn it-tliet ircevuti jghajtu ghal erbat elef u hamsin (4,050) Euro. Huwa pprezenta wkoll stqarrija li kien ha lil Carmelo Mangion fil-hamsa (5) ta' Ottubru, elfejn u tnax (2012), din l-istqarrija giet immarkata bhala Dok NA6. F'din l-istqarrija huwa gharaf il-firma tieghu, il-firma ta' WPS 103 Marcelle Mifsud, il-firma ta' Carmelo Mangion u gharaf ukoll lill-istess Carmelo Mangion bhala l-imputat li rrilaxxja din l-istqarrija wkoll. Din l-istqarrija s-Sur Mangion iddecieda li jiffirmaha u liema stqarrija ttiehdet wara li s-Sur Mangion inghata t-twissija skond il-Ligi u wara li s-Sur Mangion kien tkellem privatament mal-avukat tieghu Dr. Daniel Buttigieg kif imnizzel ukoll fl-istqarrija.

**WPS 103 Marcelle Mifsud** xehdet fis-27 ta' Frar, 2013 fejn giet murija Dok. NA6 u kkonfermat li fil-5 ta' Ottubru, 2012 l-imputat Carmelo Mangion li hija qed taghraf bhala l-imputat prezenti fl-Awla kienet ittehditlu stqarrija mill-Ispettur Ian Abdilla fejn inghata d-dritt skond il-Ligi u fejn l-imputat ukoll ghazel li jiehu d-dritt tal-parir legali. Hija kkonfermat li hemm il-firem tal-Ispettur, tal-imputat u taghha stess u qalet li wara l-istqarrija nqrat lilu huwa ghazel li jiffirma.

**Alison Farrugia** xehdet fis-Seduta tas-27 ta' Frar, 2013 fejn iddikjarat li hija taf lill-imputat Charles Mangion ghax kien ressaqha huha Heathcliff Farrugia biex tixtri post minghandu fl-10 ta' Settembru,

2010 u l-konvenju sar fis-sittax. Hija spjegat li kienet hallsitu fi flus cash iz-Zejtun. Pero’ huma marru ghand in-Nutar Hal Luqa. Ix-xhud qalet li l-post li kienet se tixtri kien jinsab fi Triq il-Qadi, iz-Zejtun li jikkonsisti f’Maisonette u kien twenty five (25) Maltin u hija taghtu thirty two (32) ewro *cash*. Sussegwentament sar il-konvenju quddiem in-Nutar Charles Mangion. Ix-xhud giet murija Dok NA3 u giet mistoqsija jekk taghrafx dan id-dokument wiegbet li iva taghrfu. Hija spjegat li fil-konvenju hemm imnizzel George Farrugia u Frances Farrugia biss. Hija mhix imnizzla ghax ghamlitu fuq missierha kif kienu miftehmin. George Farrugia u Frances Farrugia jigu ommha u missierha.

Ix-xhud spjegat li l-konvenju beda dejjem jiggedded u beda dejjem jghidilhom biex jaghtuh cans xahrejn ohra u dejjem kienu jgedduh kull xahrejn. Fl-ahhar indunaw li hemm xi problema u dejjem ittamaw li ha jaghtihom post floku u johodha tara postijiet ohra li huma mibnijin flok il-post li kienet xtrat hija fi Triq il-Qadi, iz-Zejtun. Hija qalet ix-xoghol ma bediex bil-flus li taghtu hi u kull ma hemm hija hofra ghax anka l-bankina ghamluha huma ghax perikoluza. Dan ghax ma kienx hemm ilquh mal-bankina u ma kien hemm xejn xi jzomm mill-hofra l-isfel. Hija stqarret illi baqghu l-istess sistema u cioe’ li jcemplilhom biex jghidilhom halli jaraw post iehor, u huma qalulu li l-importanti li jkollhom. Hija ddikjarat illi llum il-gurnata ma tafx x’sar mill-flus taghha u ma hadithomx lura. Ix-xhud cahdet li kien hemm xi ftehim privat bejniethom.

Ix-xhud kompliet tixhed in kontro ezami fejn ikkonfermat li kienet marret ma' missierha ghand in-Nutar Charles Mangion biex taghmel il-kuntratt. Hija spjegat li n-Nutar kien jaf li ghalkemm il-post huwa taghha kien ha jkun fuq missierha u li hi ma tidher imkien fl-iskrittura. Ix-xhud kienet xtrat il-post in kwistjoni minn fuq pjanta. Hija kkonfermat li l-post kien ghadu mhux mibni u l-imputat kien qalilhom li f'Settembru ta' sena ohra kien ser jibda x-xoghol. Ix-xhud spjegat li ma kienx qalilha r-raguni ghalfejn ma setghax jibda x-xoghol tul il-konvenju. Hija sostniet li hu dejjem ittamaha u hija kienet qieghda tafdah lil Charlie ghax dejjem jghidilhom li hu ragel. Huha diga' kellu post minghandu, ma dahaqx bih u hija taghtu l-fiducja u hu dejjem qalilhom li mhux ha jidhaq bihom u l-post ha jaghtihulhom.

Ix-xhud iddikjarat li l-konvenju huwa skadut illum u Charles Mangion jaf li huwa skadut. Il-konvenju kien sar ghal sena u cioe' sas-16 ta' Settembru 2011. Huma geddewh diversi drabi u kienu jmorru ghand in-Nutar Charles Mangion biex jaghmlu dan. Wara wasal zmien fejn iddecidew li ma kienux ser igeddu izjed il-konvenju u marru ghand l-avukat sabiex jiehdu parir legali qabel ma ddecidew li ma jgeddux il-konvenju. Mistoqsi jekk ghamlitx ittra ufficjali qabel ma nghalaq il-konvenju wiegbet li ma tafx x'inhi.

**Dr Nadine Sant** xehdet fis-27 ta' Frar, 2013 fejn esebiet dokument li hu datat 6 ta' Lulju, 2012 li hija ittra mibghuta lill-klijenti tal-avukat fejn qed jitolbu li jirritornaw il-flus lura fl-ammont ta' tmenin elf li

giet immarkata bhala Dok. NS1. Ix-xhud spjegat li minn dakinhar kien hemm hafna tentattivi kemm mas-sinjuri u mal-imputat u qatt ma rrizulta xejn ghax hu dejjem kien jittamahom u huma baghtulu dik l-ittra ghax hu kien jittamahom li ha jiftehmu u ghalhekk ma kienx hemm dawn l-ittri ufficjali ghax hu dejjem jghid li ha jirranga bil-kelma t-tajba. Sussegwentement fil-31 ta' Awwissu, 2012 kienu kitbu lil Economic Crime Unit biex jinvestigaw minhabba l-fatt li qatt ma kienu qed jirrizultaw huma.

**In-Nutar Charles Mangion** xehed fis-Seduta tat-3 ta' April, 2013 fejn gie muri zewg skritturi privati li huma zewg konvenji u cioe' Dok. NA 3 li jinsab a fol 18 u Dok. NA 4 li jinsab a fol 21 u huwa kkonferma li dawn gew redatti quddiemu bejn Carmelo Mangion u l-konjugi George u Francis Farrugia. Huwa spjega li Carmelo Mangion kien qed jidher ghan-nom tat-tifel tieghu.

Ix-xhud kompla jixhed in kontro ezami fejn stqarr illi ma jidhirlux li saru l-kuntratti finali. Huwa ma jafx li nfethet xi kawza biex isir il-kuntratt finali kontra l-imputat. Din hija l-ewwel darba li huwa ttella' bhala xhud fuq dan il-kaz. In-Nutar tenna li fl-ewwel wiehed hemm il-prezz miftiehem ta' tmienja u hamsin elf u mitejn Ewro (€58,200) bejn George u Frances Farrugia li jittratta dejn civili. Huwa spjega li dan il-konvenju huwa relazzjoni civili kummercjali jigifieri jirrispekja ezatt dak illi ftiehemu l-partijiet bhala negozju redatt bejniethom u kif hawn spjegat ukoll illi thallas ammont ta' tnejn u tletin elf

(32,000). Ix-xhud sostna li spjegaw lill-konjugi Farrugia illi dan l-ammont huwa iktar minn dak li jkun jithallas konswetudinali imma fl-ahhar mill-ahhar id-decizjonijiet kummercjali jiddeciduhom huma. Zied jghid fuq dan il-kaz illi parti mill-flus il-konjugi Farrugia, ghalkemm ma jafx ghal liema wiehed jekk hux ghall-ewwel (1) wiehed jew ghat-tieni (2) wiehed imma huma kienu hallew parti mill-flus ta' ghaxart elef ewro (€10,000) depozitati ghandu. Sussegwentement huma talbu li jirtirawhom minn ghandhu ghax ix-xoghol li kien miftiehem ma tlestiex u ovvjament huwa tahomlom lura u nforma biha anke lis-Sur Mangion il-venditur. Ix-xhud stqarr illi ma jafx jekk il-bqija tal-flus intuzawx ghall-progett ghax huwa ma jsegwix il-venditur, cioe’ li meta jiehu l-flus il-venditur tkun responsabbilita’ tieghu fejn jallokahom mhux tan-Nutar.

**Heathcliff Farrugia** xehed fis-Seduta tat-3 ta’ April, 2013 fejn iddikjara li huwa jaf lill-imputat ghax kien xtara l-post fejn joqghod minghandu. Huwa sar jafu l-ewwel darba xi tnax-il sena ilu. Ix-xhud spjega li fl-10 ta’ Settembru, 2010 ohtu riedet tixtri post u ressaqha ghand l-imputat u dan qal li ghandu blokok ta’ bini u beda jehodhom Hal Ghaxaq u z-Zejtun. Ix-xhud qallu li ohtu tixtieq wahedha mhux hafna appartamenti u l-imputat wiegeb li t-tifel tieghu ghandu bicca art li kienet dar li waqqaghha u kien ha jtellaghha postijiet u marru jarawha meta kienet ghadha dar. Din id-dar tinsab fi Triq il-Qadi, iz-Zejtun. Meta marru jaraw din id-dar qalilhom li ried iwaqqaghha u jtella zewg maisonettes, zewg flettijiet u penthouse. Huma ftehmu fuq il-prezz ta’ tmienja u hamsin elf ewro. L-imputat ried li jaghtuh il-

flus ghax it-tifel tieghu ma kellux flus biex jibni. Ghalhekk taw is-somma ta’ tnejn u tletin elf ewro (€32,000) u dan beda jwaqqa’ l-bini. Ohtu li jisimha Allison Farrugia kienet se tixtri maisonette wiehed.

Ix-xhud spjega li gimgha wara gie jfittixhom il-garaxx u beda jhajjarhom biex jixtru iehor izda wiegbuh li m'ghandhomx daqshekk flus u rrangaw li jaghtuh karozza ta’ missier ix-xhud tal-ghamla Jaguar u x-xhud tah is-somma ta’ tnejn u ghoxrin elf (22,000). Il-Jaguar stmawha ghoxrin elf (20,000) u tawh tnejn u ghoxrin elf (22,000). Ghalhekk b’kollox tawh tnejn u erbghin elf dak il-hin u xtraw iehor gimgha wara. Huwa tenna li l-kumplament tal-flus li kien baqa’ partuh b'xoghol. Dan il-flat li xtraw jiswa tmienja u hamsin elf (58,000) u ma jinsabx fuq il-maisonette ta’ ohtu izda fuq maisonette iehor.

Ix-xhud tenna li kienu ftehmu li l-imputat kien ha jlesti fi zmien sena u jekk ma jlestix kien ser jehel ghaxar Ewro (€10) kuljum. Ghaddiet is-sena u geddew il-konvenju ghal tlett (3) xhur, regghet ghaddiet it-tlett (3) xhur u regghu geddewh u l-imputat qalilhom li zgur kien ha jlesti fi tlett (3) xhur. Huma tawh zmien sitt (6) xhur bil-kundizzjoni li jekk ma jlestix il-multa tigi mija (100) kuljum. L-imputat accetta u ffirma quddiem in-Nutar Mangion izda l-bini baqa' ma telghax, baqghet hofra. Wara l-imputat beda jgib l-iskuzi u beda jghid li waqaflu milli jhaffirlu u x-xhud mar ikellmu. Hawn ix-xhud induna l-flus tieghu ma nefaqhomx fuq li ftehmu izda tahom lil haddiehor. Ix-

xhud jaf li l-persuna li haffret il-post hija maghrufa bhala ‘Ta’ Sinna’. Anke l-karozza kien taha lil wiehed Gharbi ghax kellu jtieh xi flus biex jiksilu. Issa kienu ghaddew tlett (3) snin.

Huwa qal li parti mill-hlas kellu jsir permezz ta’ xoghol u dan kien ghall-valur ta’ sittax-il elf (16,000). Ghalhekk bdew jahdmulu dak iz-zmien ghax l-imputat qallu li ried jaghmel xi konvenji ghan-nies u ried il-bibien biex ikun jista' jaghmel il-kuntratt. Ghalhekk hadmulu xi bibien ghan-nies. Spjega illi huwa jahdem bhala mastrudaxxa u l-bibien ghamilhom ghall-post iz-Zejtun fejn il-knisja u post gewwa H’Attard fejn l-iZmerc. Huwa stqarr illi hadimlu b’erbat'elef u hamsin Ewro (€4,050) xoghol. Gie muri Dok. NA5 li jinsab a fol 25 – 27 u kkonferma l-kontenut tieghu u kkonferma li s-socjeta’ Touch Wood Furniture hija tieghu. Huwa gharaf il-firma tieghu u l-firma tal-imputat fuq it-tliet pagni.

Il-konvenju taz-zewg postijiet sar ghand in-Nutar Charles Mangion. Huwa spjega li kienu tawh ghaxart elef (10,000) biex izommhom ghal-lift biex ikun jista' jaghmel il-lift u dawk haduhom lura minghand in-Nutar. Gie muri Dok. NA3 li jinsab a fol 18 u Dok. NA4 li jinsab a fol 21 u huwa kkonferma li kien prezenti ghaz-zewg konvenji, wiehed tal-post ta’ ohtu u l-iehor tax-xhud u ta’ missieru bi shab. Huwa kkonferma li wiehed mill-konvenji huwa maghmul bejn l-imputat u bejn missieru li huwa George Farrugia u l-iehor datat sittax (16) ta' Settembru, kien prezenti ghalih ukoll u jirreferi ghall-maisonette ta’

ohtu. Ix-xhud spjega li ohtu kienet ghamlitu fuq missierhom ghax kienet ghaddejja b'separazzjoni. Huwa kkonferma li qed jaghraf il-firem u li qed jaghraf il-kuntratt.

Ix-xhud gie muri konvenju iehor li hu mmarkat bhala Dok. NA4 li jinsab a fol 21 u li hu datat 28 ta' Settembru, 2010 bejn Carmelo Mangion li kien qed jidher ghal Kenneth Mangion, George Farrugia, Francis Farrugia, Dorianne Farrugia u x-xhud stess. Huwa qal li Dorianne Farrugia hija l-mara tieghu. Il-kuntratt gharfu. Ix-xhud sostna li l-problema kienet li ohtu hadet il-flus minn tar-ragel u qalulha biex tixtri post biex ikollha fejn toqghod u l-imputat dahaq bihom. Huwa tenna li lill-imputat kien rah jiffirma l-ftehim ghalkemm suppost gie t-tifel tal-imputat biex jiffirma izda n-Nutar kien qal li l-imputat ghandu prokura tat-tifel tieghu. Mistoqsi kemm ghaddewlu flus b'kollox lill-imputat wiegeb li b'kollox tawh tmenin elf ewro (€80,000) u ghandhom jiehdu lura sebghin elf ewro (€70,000).

Ix-xhud kompla jixhed in kontro ezami fejn gie mistoqsi jekk l-imputat kienx qalilhom b'xi djun ezistenti jew li kellu xi problemi wiegeb li le ma kienx qalilhom. Mistoqsi fil-perjodu meta avvicinahom l-ewwel darba ghat-tieni (2) post sakemm ghamlu l-konvenju hu qatt ma qalilom li ma kellux dritt jidhol f'dan it-tip ta' negozju huwa wiegeb li le u lanqas sa sena wara, imbaghad minn sena wara l'hemm meta geddew il-konvenju saru jafu li ghandu l-problemi. Illum il-gurnata dan il-post fejn kellhom jinbnew l-appartamenti ghadu hofra.

Mistoqsi jekk f'din il-blokka ghamlux xi xoghol huma wkoll wiegeb li peress li s-Sindku ried li jaghmel hajt ghax kien perikoluz, tellghu bhall-hajt biex ikun sigur minhabba n-nies. Il-bricks kien xtrah l-imputat u x-xoghol ghamlu x-xhud. Huwa stqarr li kien offrielu wkoll biex igiblu l-bricks bil-vann ghax hu kien bennej, u jghinu biex forsi jibda jtellgha xi haga minn dan il-post.

Ix-xhud spjega li tul dawn it-tlett snin l-imputat beda jghidilhom li jekk jirranga mal-Bank ikun jista’ jipprova jaghtihom xi haga. Huwa sostna li kien tah il-flus biex mhux biex jaghtihom lil haddiehor izda biex jibniha fuq il-proprjeta' tieghu. Kieku kien jaghtih elfejn Ewro (€2,000) biss mal-konvenju mhux kien jaghtih dawk il-flus kollha. Mistoqsi jekk minn dakinhar tas-seduta sal-gurnata tallum Carmelo Mangion l-imputat regghax avvicinahom wiegeb li iva kienu tkellmu. Nhar it-Tnejn li ghadda cemplu lil xulxin u l-imputat qal lix-xhud li kellu appuntament mal-Bank biex jirranga xi haga pero' mid-dehra ma rranga xejn. L-imputat kien jghidlu dan il-kliem sabiex ma jitilghux il-Qorti pero’ qatt ma ssarraf f’xejn.

Ix-xhud gie muri l-konvenju li xtraw ohtu u hu li jinsab a fol 19 u saritlu referenza ghall-klawsola numru wiehed. Huwa kkonferma li din il-klawsola tghid li huma qed ihallsu depozitu lis-Sur Mangion. Mistoqsi jekk hemmx imsemmi x’imkien li dak id-depozitu kellu jintuza biex isiru x-xogholijiet wiegeb illi m’hemmx imnizzel. Huwa jaqbel li meta ghamlu l-konvenju kienet ghadha dar u wara li sar il-

konvenju kien beda t-twaqqiegh u l-iskavar. Ghalhekk huwa xtara t-tieni (2) wiehed ghax haseb li flusu qed jonfoqhom f'tieghu. Mistoqsi jekk fetahx kawza civili jew jekk baghtlux ittra ufficjali wiegeb li huwa kien avzah li ha jfittxu bil-Pulizija. Huwa spjega li qabel ma geddew l-ewwel wiehed kienu kellmu Avukat iehor li kien habib t'ohtu. Wara fittxew lill-imputat bil-Pulizija. Huma qatt ma fittxewh bic-Civil.

**George Farrugia** xehed fis-Seduta tat-3 ta’ April, 2013 fejn iddikjara li qed jaghraf lill-imputat u qal li huwa ma kienx jafu izda kien jaf it-tifel tieghu, Heathcliff  Farrugia. Huwa spjega li t-tifla tieghu Allison Farrugia riedet tixtri maisonette u kienu ltaqghu mal-imputat. Allison ghadha sallum tghix mieghu . Ix-xhud jiftakar li l-imputat kien hadhom jaraw xi blokka lejn Hal Ghaxaq pero’ ma kinitx ghogbitu. L-imputat qalilhom li t-tifel tieghu ghandu dar li kien se jwaqqaghha u jibniha u kienu marru jaraw il-pjanti u fil-fatt kien ghogbu dan il-post. Din l-art kienet iz-Zejtun u x-xoghol fuqu kien diga’ beda ghax kienu qed iwaqqghu l-post. Ix-xhud tenna li  ra l-pjanti u l-imputat qallu li ha jibnihulu u ftiehmu prezz u kien qalilhom li riedu jiehduh fi zmien sena. Ghat-tifla tieghu kien tajjeb dan il-ftehim biex ikollha cans li tkompli tfaddal ghall-inqas il-kumplament ghax kien hemm iz-zmien. It-tifla tieghu kienet ha tixtri l-post ghall-prezz ta’ tmienja u hamsin elf ewro (€58,000). Ix-xhud spjega li ghadda z-zmien u baqa’ ma nbeniex u qallu li ma kienx ser jilhaq jibni u geddulu ghal tlett xhur.

Ix-xhud tenna li xi gimgha wara li kien xtara kien gie l-imputat u hajjarhom biex jixtru iehor. Dak iz-zmien stqarr li biex jixtrih kull ma kellu kienet karozza u fil-fatt kienu xtrawh ix-xhud u t-tifel tieghu u komplewh bix-xoghol. Ix-xhud kien gab karozza tat-tip Jaguar mill-Ingilterra li kienet gietu xi erbgha u ghoxrin elf (24,000) u kien taghielu ghoxrin elf Maltin (Lm20,000) ghax haseb li biz-zmien ikun jaqbillu peress li l-valur tal-karozza dejjem niezel u bil-bini jkun ha jaghmel investiment pero' jahseb li falla. Huwa spjega li kienu ghamlu zewg konvenji ghand in-Nutar Mangion. Fil-fatt l-ewwel ghamlu l-konvenju tat-tifla tieghu u mbaghad tieghu u tat-tifel tieghu.

Ix-xhud gie muri l-ewwel (1) konvenju datat sittax (16) ta' Settembru, elfejn u ghaxra (2010) li huwa bejnu u Frances Farrugia u bejn Charles Mangion l-imputat . Huwa kkonferma li Frances Farrugia hija martu u spjega li hija ma kinitx dehret. Huwa gie muri Dok. NA3 fejn ikkonferma l-kontenut tieghu u qal li dak huwa tat-tifla tieghu. Ix-xhud spjega li huwa kien prezenti ghal dan il-konvenju u li l-post tat-tifla huwa miktub fuqu. Huwa gharaf il-firma tieghu u qal li hallas xi bolol. Huwa spjega li l-post tat-tifla ghamlu fuqu ghax ghal raguni personali ta' bejniethom u t-tifla kienet ghaddejja minn separazzjoni.

Ix-xhud gie muri wkoll Dok. NA4 li jinsab a fol 21, 22 u 23 u kkonferma li dan huwa konvenju datat 28 ta' Settembru, 2010 bejn Charles Mangion l-imptutat li kien qed jidher ghal Keith Mangion u George Farrugia u Frances Farrugia, Heathcliff Farrugia u Dorianne Farrugia. Dan il-konvenju huwa ghall-appartament li jinsab fl-ewwel sular, fl-indirizz Triq Il-Qadi, Zejtun u jiswa tmienja u hamsin elf u

mitejn ewro. Huwa gharaf il-firma tieghu u tat-tifel tieghu. Dan huwa fuq post li xtara hu flimkien mat-tifel tieghu. Ix-xhud qal li meta ghamlu dawn il-konvenji hallsuh billi tawh il-karozza u stmawha valur ta' ghoxrin elf Maltin (Lm20,000) u tawh tnejn u ghoxrin elf (22,000) flus. B'kollox qal li tawh erbgha u erbghin elf ewro u l-kumplament tal-bilanc kien xi sittax-il elf ftehmu li jaghmlulu xoghol u fil-fatt kienu hadmulu zewg blokok iz-Zejtun u Hal Balzan.

Ix-xhud tenna li x-xoghol kien beda, kien beda jhaffer imma x-xhud beda jinduna li mhux se jlahhaq jibda jibni ghax kienet diga' kwazi ha tiskadielu s-sena u hu kien ghadu qed ihaffer, ghalhekk geddewulu. L-imputat qallu biex jaghtih cans, kien dejjem jghidlu li x-xoghol kien baghtut u li ha jdahhal xi flus u regghu qabzu t-tlett (3) xhur u ghalhekk rega' geddidulu. Sadanittant huwa u t-tifla bdew dejjem jiggieldu d-dar u spicca fuq pirmli minhabba dawk il-flus kollha li hareg u ghadhom lanqas hadu xejn. Illum il-gurnata s-sitwazzjoni hija li t-tifla ghadha mieghu. Meta jkellem lill-imputat dejjem jghidlu li ha jirranga mal-Bank. Ix-xhud qallu biex jaghtih x'imkien fejn irid basta jehilsu mill-problema tat-tifla. Fil-fatt l-imputat hadhom iz-Zejtun u qalu li ha jiehdu wiehed (1) anke tnejn (2) kmamar tas-sodda minflok tliet (3) kmamar tas-sodda. Illum il-gurnata f'il-post li kien ser jixtri hemm trab u hofra biss.

Mistoqsi jekk huma ghamlux xi xoghol hemmhekk wiegeb li darba gabulu xi bricks bil-vann tieghu u mar jghinu t-tifel biex jaghmlu hajt

fuq barra u jaghlqu hemmhekk ma jmurx jaqa' xi hadd. Ix-xhud stqarr illi ghadu qed jittama li l-imputat jaghtih xi mkien. Mistoqsi jekk kienux jafu li kien hemm ipoteki u djun fuqu dan il-post qabel xtrawh wiegeb li ma kien jaf xejn b'dan. Ir-ricerki kienu ghand in-Nutar. Mistoqsi ghaliex it-tifla ghadha d-dar mieghu wiegeb li huwa mhux ser jitfaghha l-barra ghax m'ghandhiex biex tixtri post iehor u hija *single mother*. Mistoqsi jekk mill-ahhar seduta 'l hawn kienx gie avvicinat mill-imputat wiegeb li le pero' kien tkellem bit-telefon ma' ibnu.

Ix-xhud kompla jixhed in kontro ezami fejn gie mistoqsi jekk ippruvax ifittxu bic-Civil lill-imputat biex jaghtih il-flus lura wiegeb li huwa kien qed jittama li ha jaghtih xi mkien u ghalhekk kien igeddidlu. Fil-fatt l-imputat ghandu multa fuq it-tielet darba li kienu geddulu. Huwa sostna li ma fittxux bic-Civil u kull ma qed jippretendi huwa li jiehu dak li xtara minghand l-imputat. Mistoqsi jekk kienx hemm xi ftehim bil-miktub li l-flus li jhallsuh ghandhom jintefqu fil-post in kwistjoni wiegeb li le, ma kienx imnizzel fil-kuntratt. Mistoqsi jekk il-flus li hallew man-Nutar Mangion jekk haduhomx lura wiegeb li iva haduhom.

**Carmelo Mangion** l-imputat xehed fis-Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013 minn jeddu u b'mod volontarju fejn iddikjara li huwa ghamel negozju ma' ta' Farrugia billi ghamel konvenju fuq zewg appartamenti li wiehed jinsab semi basement u l-iehor jigi fl-ewwel sular. Huwa

spjega li rcieva flus u tpartit ta’ xoghol u karozza f’dan in-negozju. Dan il-hlas huma kollha fuq il-konvenju u rregistraw il-konvenju u deher il-prezz kollu. Dan il-konvenju ghamluh ghand in-Nutar Mangion, Hal Luqa, gie registrat u thallset it-taxxa provizorja fuqu. Mistoqsi x’ghamel bil-flus li rcieva fuq dan il-konvenju wiegeb illi huwa hallas il-contribution, hareg il-permess, waqqa’ d-dar, qatta’ sular u nofs blat u naddafha. Huwa kkonferma li l-flus li tawh ried juzahom ghal dak il-progett.

L-imputat stqarr illi huwa kien waqaf mix-xoghol peress li n-negozju gieh daqsxejn hazin u ghalhekk waqqaf il-progetti kollha u ftiehem maghhom biex fejn ghandu mibni jaghtihom xi appartamenti. Huwa minn hemmhekk mar il-bank u qalilhom bl-istorja. Mill-Bank qalulu li ha jaghtuh prezz ta' tlett (3) appartamenti goz-Zejtun biex jiftiehem maghhom halli forsi jaghlaq b'hekk. Huwa spjega li n-Nutar kellu xi flus mal-konvenju tal-ohrajn u parti minnhom haduhom lura.

L-imputat Carmelo Mangion kompla jixhed in kontro ezami fejn ikkonferma li s-Sinjuri Farrugia tawh tmenin elf ewro (€80,000) fuq iz-zewg proprjetajiet. Huwa kkonferma wkoll li parti mill-flus uzahom fuq din l-istess proprjeta’. Il-Prosekuzzjoni ghamlet referenza ghall-istqarrija tal-imputat li tinsab a fol. 29 u mmarkata bhala Dok. NA6 fejn l-imputat kien qal li parti mill-flus uzahom fuq dan il-progett fosthom biex iwaqqa' d-dar, tqattigh u flus ohra tal-permess li prattikament dawn stmahom ghal madwar sitta u ghoxrin elf lira

Maltin (Lm26,000). Mistoqsi x’ghamel bil-kumplament ta’ dawn il-flus wiegeb li l-kumplament haduhom lura fl-ammont ta’ ghaxart elef (10,000) tan-Nutar. Huwa tenna li jista’ jkun li kien hallas xi zewg pagamenti ta’ xi loan li ghandu. Ix-xhud stqarr illi l-binja waqqafha milli ssir minhabba problema ta’ finanzi. Huwa spjega li pprova jiftiehem maghhom fuq x’imkien iehor li ghandu mibni lest.

Mistoqsi x’irnexxielu jaghti lura wara dawn is-snin kollha wiegeb li huwa qed jiftiehem maghhom fuq xi proprjeta’ ohra. Huwa tenna li kellimhom sadakinhar tas-seduta filghodu stess u qalilhom li jixtieq li l-art johduha huma. L-imputat spjega li huwa ftiehem mal-bank u jiehduha b’loan. Pero' ma qablux fuq il-prezz ta' xi ghaxar t'elef (10,000) u huwa ghandu lil haddiehor li huwa nteressat fuqha. L-imputat qallu li l-ewwel jghid lilu u jekk fil-kaz ikellem lil haddiehor u d-deposit igibuhom minn hemmhekk, u johodhom lura. L-imputat spjega li fil-plot jidhlu xi sitt postijiet. Huwa kkonferma li l-flus li ghaddewlu s-Sinjuri Farrugia kien biex jaghtihom zewg appartamenti, pero’ bhalissa hemm hofra fuq il-post.

**Illi din il-kawza giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta b’digriet ta’ assenjazzjoni mis-Sinjurija Tieghu Prim Imhallef datat 21 ta’ April, 2014.**

Illi din il-kawza giet appuntata ghall-ewwel darba quddiemha kif preseduta nhar il-5 ta’ Mejju, 2014 u dan bil-ghan sabiex tara jekk effettivament il-partijet kienux ser jezentaw lill-Qorti mill-htiega li

terga' tisma' ix-xhieda mill-gdid u in oltre jekk fl-affermattiv u cioe' li jaghtu ezenzjoni jekk kellhomx xhieda ohra xi jresqu.

Ilil dakinhar tal-5 ta Mejju deher Dr. Daniel Buttigieg li ghamel referenza ghat-trattazzjoni li kienet saret fil-15 ta' Lulju, 2013 li tinsab esebita fl-atti dattilografata a fol. 93 u l-partijiet ezentaw lil din il-Qorti kif preseduta milli tisma' ix-xhieda mill-gdid u ghalhekk talbu lill-Qorti sabiex tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat:

L-Avukat Difensur jsostni li l-imputat m'agixxix b'mod doluz f'dak li ghamel u cioe' uza l-flus ghal skop iehor bil-hsieb li jinganna lill-familjari ta' Farrugia jew li jdawwar xi profitt ghalih bl-uzu tal-flejjes. Isostni li dan kien negozju civili li ma sehhx ghaliex l-imputat falla. Jghid li ghalkemm l-actus reus tar-reat jirrizulta bic-car, id-dolo tal-imputat ma jirrizultax, lanqas remotament.

Il-Prosekuzzjoni flimkien mal-parte civile minn naha l-ohra jsostnu li dan ir-reat jirrizulta ppruvat ghaliex l-imputat uza parti mill-flejjes li gew moghtija lilu bi skop specifikat ghal ghan differenti.

Ir-reat ta' approprijazzjoni indebita huwa kontemplat fl-**Artikolu 293** tal-Kodici Penali. Minn ezami ta' dak l-artikolu jidher car li wiehed mill-elementi essejnzjali tal-approprijazzjoni indebita, fil-kuntest tal-kaz presenti huwa kostitwit mill-frazi "*… taht ebda titolu li jgib mieghu l-obbligu … li jsir uzu minnha specifikat…*" Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif jkollu jaghmel uzu mill-oggett konsenjat lilu minnha. Jekk, per ezempju, il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtri, l-agent jikkommetti r-reat t'approprijazzjoni indebita jekk minflok, jaghtihom karita. Fl-indagini dwar htija jew le tali approprijazzjoni indebita ghandha ssir prova tal-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ikunx ghamel minn haga dak l-uzu jew uzu divers.

Issa, f'dan il-kaz, il-flus gew moghtija minn Farrugia lill-imputat biex jaghmel uzu specifiku u cioe' sabiex jibni u jlesti l-appartamenti li kienu qed jixtru permezz tal-konvenji redatti minn Nutar Charles Mangion liema konvenji gew verament debitament registrati.

L-essenza vera ta' dan r-reat huwa l-abbuz tal-fiducja tal-persuna li tkun iddisponiet mill-haga bhal li kieku kienet taghha '*uti dominus*', tarroga lilha nnifisha poteri li jappartjenu lis-sid u b'hekk jaghmel hsara lill-proprjeta' ta' haddiehor.

L-element ta' dan ir-reat huma s-segwenti:

a. il-fiducja fir-rilaxx tal-oggett [f'dan il-kaz l-flus];
b. l-oggetti li jrid ikun *movable*;
c. l-obbligu tar-ritorn tal-oggetti una volta uzat ghal ghan specifiku;
d. *la distrazione* ;
e. id-dolo jew *mens rea* li jikkonsisti fil-voluntarjeta tal-att ta' *conversione* u l-*fine di lucro*.

L-awtur Taljan **Maino** fil-ktieb tieghu ***Commento al Codice Penale Italiano*** [vol IV - p.102, para 1949 u p. 105 - para 1951] jghid is-segwenti:

*"Il reato di approprazione in debita e' perfetto colla conversione della cosa altrui inprofittoa proprio o di un terzo, independentemente dall'effettivo ricavo della conversione."*

Il-Qorti thoss li l-imputat m'ghamilx uzu specifiku mill-flejjes li gew mghoddija lilu b'istruzzjonijiet specifici. Huwa jghid li parti minnhom uzahom fit-twaqqih tad-dar fejn huwa kellu jibni l-appartamenti in kwistjoni u parti minnhom uzahom sabiex ihallas parti mill-loan li huwa kellu.

Il-Qorti ma hiex konvinta mill-ispjegazzjoni li ta l-imputat u dan ghaliex bniedem fil-mestier ta' negozju kif kien hu, ikun jaf jekk ghandux flejjes fil-kont tieghu sabiex ikompli l-progett li kellu f’mohhu li jaghmel. Hawnhekk si tratta ta' somma ta' flus imdaqsa u cioe’ tmemin elf euro (euro 80,000) li huwa ha minghand il-familja Farrugia wara li kien qieghed li ser ibieghilhom appartamenti u cioe’ nonostante baqghu b’xejn sa llum bla flus u minghajr l-appartamenti .

Il-Qorti temmen li l-imputat qabad w iddispona mill-flus kif deherlu hu u fil-fatt sabiex ihallas xi kontijiet li huwa possibilment kellu pendenti u mhux skond l-iskop li dawk kienu fdati lilu u b'hekk ma hemmx dubbju li kkawza hsara lill-partimonju tal-familja Farrugia effettivament baqa’ b’xejn sa llum.

Il-**Carminiani** fil-ktieb tieghu **Elementi Iuris Criminali -** (para 1020) jiddefinixxi dan ir-reat li huwa jsejjahlu bhala:-

*“il fatto de quo lui, che avendo ricevuto dal propretario mediante contratto non transiattivo di dominio, una cosa immobile, questa contro i patti e’ contro la volonta del propretario stesso e’ converta in uzo proprio con animo di appropriarsela o la distrugge e’ a proprio lucro e commodo.”*

**Carrara** fil-kieb tieghu ***Diritto Penale*** taht t-titolu *Esposizione dei delitti inspecie* (vol 4. para 284) li wkoll jissejjah dan ir-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan ir-reat bhala:-

*"la dolosa approprazione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di domino e' da uzo determinato."*

Essenzjalment ghalhekk l-approprazzjoni indebita ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju (vide **Il-Pulizija vs Joseph Mifsud** deciza nhar it-tnejn ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali; **Il-Pulizija vs Joseph Richmond et** deciza nhar l-erbatax ta' Jannar, 1993; **Il-Pulizija vs Capt. Albert Mallia** deciza nhar il-hamsa w ghoxrin ta' April, 1949 u **Il-Pulizija vs Emanuel Cassar** deciza nhar l-ghoxrin ta' Ottubru, 1997).

B'dan il-Qorti riedet tfisser li jrid ikun hemm konversjoni u hemm konversjoni *inter alia* meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat u minflok li jikkommettiha ghall-beneficcju tieghu stess jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghall-pattijiet stipulati *in buona fede*.

Fil-fatt, **Luigi Maino** fil-ktieb tieghu ***Commento al Codice Penale Italiano Vol. V pg. 347*** jghid:

*"L'approprazione indebita si consuma col disporre delle cose contro la legge del patto stipulato a buona fede."*

Skond is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali deciza nhar id-dsatax ta' Frar, 1942 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antonio Pisani**, gie deciz li r-reat ta' appropriazzjoni indebita jigi kkunsmat meta l-oggett f'data jigi aljenat mhux skond l-ghan li jinghata.

**L-Imhallef Harding** fil-ktieb tieghu ***Recent Criminal Cases Annotated*** no. 24 - pagna 52, meta qed jikkummenta fuq is-sentenza fuq imsemmija jghid:

*"The Court of three judges held that the prevailing opinion is that the offence is completed as soon as the sum or thing is fraudulently misappropriated, that is, misapplied with the intention of converting it to one's own profit or that of another and the actual disposal is not necessary for the completion of the offence. As soon as a sum or thing is misappropriated, there is an usurpation of the right of ownership."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li stqarret id-difiza kif jirrizulta mit-trattazzjoni dattilografata u cioe' li l-imputat uza l-flejjes li inghata minghand il-familja Farrugia in konnessjoni mal-progett pero' harsa lejn dak li stqarr l-imputat meta rrilaxja l-istqarrija tieghu a

tempo vergine tal-investigazzjoni jirrizulta mod iehor. Meta l-ufficcjal prosekutur staqsih x'ghamel bil-flus li kien ircieva minghand il-familjari ta' Farrugia jghid li kien ghamel xi xogholijiet fil-post mertu tal-kawza u dan fl-ammont ta' tnax- il elf lira Maltin (LM12,000) biex waqqa d-dar u nefaq is-somma ta' erbatax-il elf liri Maltin (Lm 14,000) ghat-tqattiegh u flus ohra ghall-permess. Meta mistoqsi x'ghamel bil-kumpkament jghid li hallas parti mill-loan li kellu fuq il-proprjeta'. Mistoqsi jekk il-flus kollha li nefaq fuq il-progett kienux kollha in konnessjoni mal-appartamenti ta' Farrugia jghid li le kienu ghall-progett kollu.

Issa kif jispjega l-gurista Francesco Antolisei, "*La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio*" (**Manuale di Diritto Penale**, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276).

Illi ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti thoss li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-kaz taghha ta' *appropriazioni indebita* kif aggravata bl-**Artikolu 294 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta u dan sal-grad rikjest mill-ligi.

Dwar il-piena idoneja l-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat esebita fl-atti a fol. 8 tal-process u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat

diga’ kiser dufrejgh mal-ligi ghall-inqas f’disa’ okkazjonijiet meta nstab hati fuq reati naxxenti minn ksur tal-Ordinanza tat-Traffiku u Dwar is-Sigurta’ u s-Sahha, falsifikazzjoni ta’ atti/skritturi meta inghata kundanni ta’ hlas ta’ ammendi u multi kif ukoll un conditional discharge.

Illi l-imputat ma jinsabx akkuzat li huwa recidiv u ghalhekk din il-Qorti tista’ tapplika piena karcerarja sospiza ai termini tal-Artikoli 28A tal-Kap. 9 tal-Ligiijiet ta’ Malta bil-gahn li tali piena isservi ta’ mannara fuq ras l-imputat u sservi bhala deterrent sabiex izzommu l-boghod mill-hajja ta’ kriminalita’.

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe’ l-Artikoli **17, 18, 23, 31, 293, 294, 310 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputat hati u tikkundannah piena karcerarja ta’ sena sospiza ghal tlett snin mil-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**In oltre tordna li ai termini ta l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lill-imputat sabiex fi zmien sitt xhur mil-lum ihallas lura l-bilanc restanti ta’ sebghin elf euro (euro 70,000) lill-familjari ta’ Farrugia kif dovut lilhom.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------